MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 218/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs.**

**Scicluna Diane**
**K.I. 106691(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-10 ta' April 2013, li permezz tiegħu:

> is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' tlett elef, mija, ħamsa u erbgħin Ewro (€3145.00), liema ammont huwa in

konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni numru *79262551* numru tal-kont *A/C 40168423* mogħtija mis-soċjetà attriċi lill-konvenuta;

Illi l-konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas is-somma dovuta, iżda baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali mibgħuta ai termini tal-Art 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 16 ta' Lulju 2012 li ġġib in-numru 1541/12 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta** tal-konvenuta ippreżentata fis-26 ta' Settembru 2013, fejn hija eċċepixxiet:

Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenuta qatt ma ftehmet li tidħol għat-tariffa rikjesta – hija kellha biss free offer ta' xahrejn u mid-dehra din ma kienet free xejn għall-konvenuta – li ġiet ingannata mis-soċjeta′ attriċi;

B'hekk it-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lix-xhieda;

Ra l-verbal tal-4 ta' April 2014 fejn il- kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

Is-soċjeta′ attriċi qiegħda titlob il-ħlas tas-somma ta' tlett elef, mija, ħamsa u erbgħin Ewro (€3145.00) għal servizz tal-mobile mogħtija lill-konvenuta. Simone Ellul *credit control manager* tas-soċjeta′ attriċi spjegat illi bejn is-17 ta' Frar 2011 u s-17 t'April 2011, il-konvenuta kellha tgawdi minn offerta li minn fuq il-mobile tagħha setgħet taċċedi b'xejn għas-sit tal-*Facebook.*

Hija esebiet il-kontijiet relattivi għal kull fattura mniżżla fil-prospett li jinsab fol. 3 tal-proċess. Hija kkonfermat illi l-kuntratt iffirmat mill-konvenuta kien wieħed ta' *Pay Monthly 40*, liema kuntratt ma jinkludix servizz tal-internet. Qalet illi l-offerta tkun saret lill-klijent permezz ta' telefonata, imbagħad jekk irid il-klijent jara t-termini u l-kondizzjonijiet tal-offerta minn fuq is-sit tal-Internet tal-GO. Spjegat illi xejn ma jżomm lill-klijent milli jibqa' jżomm is-servizz tal-internet wara li tispiċċa l-offerta. Mistoqsija jekk is-soċjeta' attriċi iċċempilx lill-klijenti biex tinfurmahom li l-offerta spiċċat, u li jekk ser iżommu s-servizz oltre l-offerta ser iħallsu spejjeż kbar, qalet li l-kumpanija ma ċċempilx, iżda twaqqaf is-servizz bil-mod il-mod.

Min-naħa tagħha l-konvenuta, spjegat illi fit-18 ta' Frar 2011 kienet iffirmat kuntratt mas-soċjeta' attiċi għal servizz ta' SMS u telefonija ċellulari. Il-kuntratt ma kienx jinkludi internet. Qalet li kienu ċemplulha min-naħa tal-GO u kienu offrewlha xahrejn internet limitat għall-*Facebook* u hija kienet aċċettat. Is-servizz kien ġie attivat bit-telefon. Hija spjegat illi minkejja li fuq  il-mobile tagħha ġeneralment ma kellhiex is-servizz tal-Internet, hija xorta waħda setgħet tuża l-internet bill taċċedi mal-WIFI u cioe servizz li jingħata b'xejn f'diversi stabbilimenti kummerċjali u anke bini tal-Gvern. Minħabba f'hekk hija ma setgħetx tinduna li s-servizz tal-GO kien baqa' għaddej oltre l-offerta.

Qalet li hija ma kinitx ġiet infurmata minn GO li kellha tkun hi li tittermina s-servizz tal-Internet wara l-offerta. Spjegat li fil-każ tagħha ma kienx minnu li s-soċjeta' attriċi kienet naqqset is-servizz bil-mod il-mod. Xehdet li meta kienet irċeviet kont li kien eċċeda l-elf Ewro, kienet inħasdet u pprovat tittermina s-servizz permezz ta' telefonata, iżda ġiet infurmata li biex tittermina s-servizz kellha tmur f'outlet kif effettivament għamlet. Qalet li min-naħa ta' GO ma bdewx jikkoperaw magħha dwar il-kontijiet eċċessivi li rċeviet. Spjegat illi hija kienet qed tiġi billed għall-usage, xahrejn wara u għalhekk qabel Lulju ma setgħetx tinduna li qed tiġi mitluba l-ħlas għall-internet minkejja l-offerta.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal fela bir-reqqa l-fatturi mertu ta' din il-kawża, minn fejn jirriżulta li l-konvenuta kienet qed tiġi mitluba ħlas għal "WAP and Internet" minn Marzu 2011, li hija effettivament id-data meta l-konvenuta bdiet tagħmel użu mill-offerta tas-soċjeta' attriċi. Għal kull xahar sussegwenti, hija baqgħet tiġi mitluba l-ħlas għal WAP and internet f'somom li baqgħu dejjem jikbru minn xahar għal xahar.

It-Tribunal ikkonsidra li s-soċjeta′ attriċi ladarba offriet servizz b'xejn għas-sit ta' Facebook, u għal xahrejn, kellha taċċerta li meta l-klijent ikun qed jaċċedi l-Internet mhux bil-WIFI iżda bis-servizz tagħha, is-servizz kellu jkun limitat biss għas-sit ta' Facebook, biex b'hekk il-klijent ma jidħolx fi spejjeż mingħajr ma jaf. Inoltre f'għeluq ix-xahrejn, l-aċċess għas-sit ta' Facebook kellu jingħalaq ukoll min-naħa tal-istess soċjeta′ attriċi, mingħajr talba speċifika mingħand il-Klijent, u dana sabiex jekk il-klijent jixtieq is-servizz oltre l-offerta, huwa jkun jista' jidħol fi ftehim ġdid u konsapevoli tar-rati li ser ikun qed iħallas għas-servizz.

Illi fil-każ odjern, is-soċjeta′ attriċi ma mxietx bi *buona fede* iżda fittxet biss li l-Klijenta tħallas mingħajr ma taf għal servizz li suppost kien b'xejn. Illi għaldaqstant fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenuta m'għandha tħallas xejn għas-servizzi tal-WAP u l-internet.

Mill-fatturi ġenerati jirriżulta li fix-xhur illi l-konvenuta damet Klijenta tas-soċjeta′ attriċi, hija ġġenerat kontijiet li ammontaw għal €3628.54. (€1164.72 u €1166.99 jidhru darbtejn fuq il-fatturi stante li l-pagament kien ġie reversed) Minn dan l-ammont, is-somma ta' ċirka €650 / €700 tirrappreżenta l-valur għas-servizz tat-telefonija ċellulari u cioe kemm SMS u wkoll telefonati użati mill-konvenuta, inkluż ukoll is-sisa (Excise Tax) u l-VAT. Ta' dawn hija ċertament għandha tħallas lis-soċjeta′ attriċi.

L-ammont ulterjuri mitlub jirrappreżenta s-somma ta' €249 bħala prezz tal-apparat u cioe il-mobile li ngħatat il-konvenuta meta ffirmat il-kuntratt tal-Pay Monthly 40 u li baqa' fil-pussess tagħha mat-terminazzjoni tal-kuntratt, u r-rimanenti huma ħlas għas-servizz tal-Internet.

Mill-prospett ippreżentat, irriżulta li l-konvenuta fix-xhur in kwistjoni ħallset is-somma ta' €732.54, għaliex l-ammonti €1164.72 u €1166.99, minkejja li jidhru li kienu mħallsin, kienu ġew reversed. Għaldaqstant jirriżulta li hija diġa ħallset suffiċjentement għas-servizzi utilizzati minnha skond il-kuntratt li kellha. Hija jonqosha tħallas biss il-prezz tal-apparat u cioe is-somma ta' €249.

**Deċide**

Għar-raġunijet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' mitejn u disgħa u erbgħin Ewro (€249) filwaqt illi jiċħad it-talba attriċi u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta għas-somma rimanenti. Konsegwentement jordna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' mitejn u disgħa u erbgħin Ewro (€249) bl-imgħax mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ikunu a karigu tas-soċjeta′ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------